



Dokument ta' sessjoni

B9-0552/2022

9.12.2022

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-prospettivi għas-soluzzjoni msejsa fuq il-koeżistenza ta' żewġ Stati għal
Iżrael u l-Palestina
(2022/2949(RSP))

**Michael Gahler, Lukas Mandl, Andrius Kubilius, Juan Ignacio Zoido
Álvarez, Antonio López-Istúriz White, David Lega, Anna-Michelle
Asimakopoulou**
fisem il-Grupp PPE

B9-0552/2022

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-prospettivi għas-soluzzjoni msejsa fuq il-koeżistenza ta' żewġ Stati għal Iżrael u l-Palestina (2022/2949(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani,
 - wara li kkunsidra l-ħatra tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea l-ġdid għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani, Sven Koopmans, fid-29 ta' April 2021,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-President tal-Kummissjoni Ursula Von der Leyen mal-Prim Ministru Iżraeljan Bennett u d-dikjarazzjoni tal-Prim Ministru Palestinjan Shtayyeh, it-tnejn fl-14 ta' Ġunju 2022,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-23 ta' Novembru 2022 mill-President tad-Delegazzjoni għar-relazzjonijiet ma' Iżrael, Antonio López-Istúriz White, dwar l-attakki terroristiċi f'Ġerusalemm,
 - wara li kkunsidra d-diskors mill-President tal-Parlament Ewropew, Roberta Metsola, lill-Knesset fit-23 ta' Mejju 2022 u ż-żjara tagħha f'Ramallah fit-30 ta' Mejju 2022,
 - wara li kkunsidra l-briefing tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani, inkluża l-kwistjoni Palestinjana, kif mogħti mill-Koordinatur Speċjali tan-NU (UNSCO) għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani, Tor Wennesland, fil-25 ta' Awwissu 2022,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2016 u tal-20 ta' Ġunju 2016 dwar il-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani,
 - wara li kkunsidra l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Iżrael li sar fit-3 ta' Ottubru 2022 u l-konklużjonijiet tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-prospetti għall-paċi fil-Lvant Nofsani jibqgħu prijorità ewlenija għall-Unjoni Ewropea; billi l-President tal-Parlament Ewropew Roberta Metsola għamlet żewġ żjarat uffiċjali f'Iżrael u f'ix-Xatt tal-Punent f'Mejju 2022; billi l-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen żaret Tel Aviv u Ramallah ukoll f'nofs Ġunju 2022; billi l-UE ħatret lil Sven Koopmans bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-UE (EUSR) għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani mill-1 ta' Mejju 2021 sat-28 ta' Frar 2023;
- B. billi l-UE kkonfermat kemm-il darba l-appoġġ tagħha għas-soluzzjoni ta' żewġ stati, fejn Ġerusalemm tkun il-kapitali taż-żewġ stati u Stat ta' Iżrael sigur u Stat tal-Palestina indipendenti, demokratiku, kontigwu, sovrani u vijabbli li jgħixu maġenb xulxin fil-paċi u s-sigurtà; billi l-UE talbet li jitkomplew it-taħdidiet diretti dwar il-paċi bejn Iżrael u l-Awtorità Palestinjana;

- C. billi fit-3 ta' Awwissu 2022, il-Prim Ministru Iżraeljan Yair Lapid talab elezzjoni, il-ħames waħda fi tliet snin; billi għaldaqstant Iżrael bħalissa tinsab f'sitwazzjoni politika delikata; billi l-elezzjonijiet saru fl-1 ta' Novembru u l-kandidat eks Prim Ministru Benjamin Netanyahu kiseb il-maġġoranza; billi l-aħħar elezzjonijiet għall-Kunsill Leġiżlattiv Palestinjan saru fil-25 ta' Jannar 2006; billi l-Koordinatur Speċjali tal-UNSCO Tor Wennesland jenfasizza li l-unità Palestinjana hija essenzjali, billi proċess politiku reali "jrid jinkludi t-tisħiħ tal-Awtorità Palestinjana u l-kapaċità tagħha li timpenja ruħhom ma' Iżrael fl-oqsma politiċi, ekonomiċi u ta' sigurtà kif ukoll li taħdem lejn ir-ritorn tal-Gvern Palestinjan leġittimu f'Gaza";
- D. billi l-vjolenza, it-terroriżmu, inklużi l-attakki kontra l-popolazzjoni ċivili, u l-inċitament għall-vjolenza qed jiġu aggravati minn miżuri ta' provokazzjoni u retorika xewwiexa u huma inkompatibbli b'mod fundamentali mar-risoluzzjoni paċifika tal-konflitti; billi l-grupp terroristiku Ġiħad Iżlamika tal-Palestina reċentement faħħret iż-żewġ bombi tat-23 ta' Novembru 2022 f'Ġerusalem li qatlu persuna waħda u darbu mill-inqas 20 oħra; billi Iżrael tinsab fi stat qawwi ta' allarm minħabba tħassib dwar mewġa ta' attacchi terroristiċi; billi l-UE rikonoxxiet bosta drabi d-dritt ta' Iżrael li teżisti, id-dritt tagħha li tiġġieled it-terroriżmu u d-dritt tagħha li tiproteġi l-popolazzjoni ċivili tagħha; billi Hamas, inkluż Hamas-Izz al-Din al-Qassem, hija inkluża fil-lista tal-UE ta' terroristi soġġetta għall-miżuri restrittivi għall-ġlieda tat-terroriżmu, kif inhuma l-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina u l-Front Popolari għal-Liberazzjoni tal-Palestina;
- E. billi l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna aggravat id-dgħufijiet u t-tensjonijiet ġeopolitiċi fir-reġjun, u l-insigurtà tal-ikel qed tiżdied f'daqqa;
- F. billi s-soċjetà ċivili fir-reġjun, u b'mod iktar speċifiku f'Iżrael, fix-Xatt tal-Punent u f'Gaza, għandha rwol ewlieni fil-bini ta' rabiet fis-soċjetà u fil-promozzjoni ta' atmosfera ta' paċi, tolleranza u nonvjolenza;
- G. billi d-Dikjarazzjoni tal-Ftehimiet ta' Abram tafferma mill-ġdid il-Ftehimiet ta' Abram iffirmati f'Awwissu 2020 u tirreferi għall-ftehimiet li segwew, li jfittxu li jinnormalizzaw ir-relazzjonijiet bejn Iżrael u stati Għarab oħra;
- H. billi fis-27 ta' Ottubru 2022, il-Libanu u Iżrael iffirmaw ftehim ta' demarkazzjoni marittima nnegozjat mill-Istati Uniti sabiex tiġi evitata eskalazzjoni tal-konflitt u jżiedu l-isforzi biex tiġi solvuta t-tilwima dwar il-fruntieri; billi l-Koordinatur Speċjali tan-NU għal-Libanu Joanna Wronecka u l-UE sejħulu ftehim storiku; billi l-Unjoni Ewropea tilqa' l-ftehim mill-qalb;
- I. Jinsab imħasseb li wara l-avvenimenti reċenti, il-prospetti għal risoluzzjoni tal-konflitt ġew imfixkla minn vjolenza kontinwa, atti terroristiċi, stagħnar politiku u nuqqas ġeneralizzat ta' rieda politika; jinsab imħasseb sew li l-gwerra Russa kontra l-Ukrajna qed taffettwa wkoll il-kundizzjonijiet tal-ġhajxien u l-aċċess għall-ikel tal-popolazzjoni fl-Istat ta' Iżrael, fix-Xatt tal-Punent u f'Gaza¹;

¹ <https://data.worldbank.org/indicator/SN.ITK.MSFI.ZS?locations=IL>;
<https://www.wfp.org/countries/palestine#:~:text=Prior%20to%20the%20outbreak%20of,it%20is%20around%2064%20percent>

2. Itenni l-appoġġ sod tiegħu għal soluzzjoni nnegożjata ta' żewġ stati abbażi tal-linji tal-1967, li huwa essenzjali għall-paċi fil-Lvant Nofsani, bi Stat ta' Iżrael sigur u Stat tal-Palestina indipendenti, demokratiku u vijabbli li jgħixu maġenb xulxin fil-paċi u s-sigurtà, b'Ġerusalemm bħala l-kapitali taż-żewġ stati u b'rispett sħiħ tal-liġi internazzjonali; jemmen li huma meħtieġa sforzi msaħħa biex tinkiseb soluzzjoni ġusta, komprensiva, realistika u dejjiema għall-kunflitt li ilha mixtieqa;
3. Jissottolinja l-importanza li ż-żewġ partijiet ikomplu negożjati sostantivi malajr kemm jista' jkun u jżommu l-vijabbiltà tas-soluzzjoni ta' żewġ stati; jistieden liż-żewġ partijiet jevitaw passi li jistgħu jfixklu dan l-għan u jirriżultaw f'fiktur eskalazzjoni, inklużi miżuri unilaterali li jistgħu jippreġudikaw l-eżitu tan-negożjati kif ukoll atti terroristiċi u l-inċitament għall-vjolenza; itenni s-sejħiet ripetuti tiegħu biex iż-żewġ stati jtennu l-impenn tagħhom lejn is-soluzzjoni ta' żewġ stati;
4. Jikkundanna bil-qawwa l-vjolenza kontinwa, l-atti terroristiċi u l-inċitament għall-vjolenza, li huma inkompatibbli b'mod fundamentali mal-avvanz ta' soluzzjoni paċifika ta' żewġ stati u l-ilħuq tar-rikonċiljazzjoni, u li ġew aggravati minn miżuri ta' provokazzjoni u retorika xewwiexa; jikkundanna bil-qawwa wkoll l-illanċjar indiskriminat ta' rokits minn Hamas, mill-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina u minn gruppi terroristiċi oħra; jisħaq li ż-żamma tal-impenn lejn azzjoni effettiva kontra l-vjolenza, it-terroriżmu, id-diskors ta' mibegħda u l-inċitament hija kritika biex tinbena l-kunfidenza mill-ġdid u tiġi evitata l-eskalazzjoni li timmina iżjed il-prospetti tal-paċi; itenni l-impenn fundamentali tiegħu lejn is-sigurtà ta' Iżrael; jitlob li l-awturi tar-reati jinżammu responsabbli f'konformità mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; jistieden lil Iżrael tirrispetta l-proporzjonalità fl-użu tal-forza meta tindirizza t-tħassib leġittimu u neċessarju dwar is-sigurtà;
5. Ifakkar li l-insedjamenti huma illegali skont id-dritt internazzjonali u jisħaq li d-deċiżjonijiet reċenti li jiġu stabbiliti insedjamenti ġodda jimminaw iktar il-prospetti għal soluzzjoni vijabbli ta' żewġ stati, b'mod partikolari fiż-żona E1 u x-Xatt tal-Punent; jikkundanna l-vjolenza kontra l-abitanti tal-insedjamenti u jitlob l-obbligu ta' rendikont; jinsab imħasseb bit-telf tal-popolazzjoni ċivili li tgħix fl-Istrixxa ta' Gaża;
6. Jafferma mill-ġdid ir-rispett tiegħu tad-demokrazija u tas-sovranià tal-Istat ta' Iżrael, b'mod speċjali matul kampanja ta' elezzjoni u għied politiku, u jirrikonoxxi bis-sħiħ it-tħassib leġittimu dwar is-sigurtà f'Iżrael u l-isfidi li tindirizza; jenfasizza l-messaġġ tal-President tal-Parlament Ewropew, Roberta Metsola li "għal ħafna barra minn Iżrael, huwa inkonċepibbli li għad hemm dubji dwar id-dritt għall-eżistenza ta' Iżrael. Ħalli nkun ċara: l-Ewropa dejjem se tappoġġja d-dritt ta' Iżrael li jeżisti"; itenni d-dritt sħiħ ta' Iżrael li tiġġieled kontra t-terroriżmu u d-dritt tagħha li tiproteġi l-popolazzjoni ċivili tagħha; jistieden lil Iżrael tirrispetta l-proporzjonalità fl-użu tal-forza meta tiddefendi l-interessi ta' sigurtà leġittimi tagħha;
7. Jikkundanna bil-qawwa l-illanċjar indiskriminat reċenti tar-rokits minn Hamas lejn iċ-ċentri tal-popolazzjoni ta' Iżrael u l-aħħar mewġa ta' bombi terroristiċi mfaħħra mill-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina, li hija pprojbita mid-dritt umanitarju internazzjonali; jagħti l-kondoljanzi tiegħu lill-familji tal-vittmi; jitlob it-tmim immedjat tal-attakki

kollha;

8. Jisħaq li d-demokrazija fil-Palestina għandha wkoll tiġi appoġġjata iżjed u jistieden lill-komunità internazzjonali tirdoppja l-isforzi tagħha li ssaħħa l-Awtorità Palestinjana u l-istituzzjonijiet tagħha bl-għan li tinkiseb unità fil-Palestina, bħala element essenzjali biex tintleħaq is-soluzzjoni ta' żewġ stati; iħeġġeġ lill-forzi Palestinjani jkomplu mingħajr dewmien l-isforzi tagħhom lejn ir-rikonċiljazzjoni, b'mod partikolari billi jsiru elezzjonijiet presidenzjali u leġiżlattivi li kienu ilhom biex isiru; iqis li s-separazzjoni politika bejn ix-Xatt tal-Punent u Gaża tikkontribwixxi għas-sitwazzjoni umanitarja degradanti fl-Istrixxa ta' Gaża; jenfasizza li l-Awtorità Palestinjana għandha tiegħu iktar responsabbiltà f'dan ir-rigward u tassumi l-funzjoni ta' governanza tagħha f'Gaża;
9. Jilqa' l-fatt li saret laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Iżrael fis-6 ta' Ottubru 2022 u jistieden lill-UE tippromwovi djalogu dwar il-proċess tal-paċi permezz ta' laqgħat bħal dawn; itenni l-impenn tal-UE, kif imsemmi fit-12-il Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Iżrael tad-19 ta' Settembru 2022, lejn paċi komprensiva u dewwiema għar-reġjun sħiħ u li jfittex iħeġġeġ u jibni fuq relazzjonijiet diplomatiċi stabbiliti dan l-aħħar bejn Iżrael u għadd ta' pajjiżi Għarab, bl-għan li jissaħħu l-prospetti li jintleħaq ftehim komprensiv fil-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani;
10. Ifaħħar il-Ftehimiet ta' Abram u n-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn Iżrael u l-Istati Għarab, li nedew kooperazzjoni fil-fond fis-sigurtà u l-kummerċ, li huma fattur b'saħħtu fl-organizzazzjoni mill-ġdid ta' relazzjonijiet interstatali fir-reġjun; jistieden lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/Rgħ) u l-RSUE għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani jesploraw mal-pajjiżi Għarab kif il-ftehimiet ta' normalizzazzjoni rispettivi tagħhom ma' Iżrael jistgħu jwasslu għas-soluzzjoni ta' żewġ stati u l-iżvilupp ekonomiku tax-Xatt tal-Punent u ta' Gaża; jistieden lill-VP/Rgħ u l-RSUE għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani jibdew inizjattiva għall-paċi ġdida li tinkludi lill-pajjiżi Għarab li nnormalizzaw ir-relazzjonijiet tagħhom mal-Istat ta' Iżrael sabiex titneħħa s-sospensjoni attwali tan-negozjati u jerġgħu jinbdew it-taħdidiet għall-paċi b'suċċess; għal dan l-għan, jitlob li jiġi estiż il-mandat tal-RSUE għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani sar-risoluzzjoni effettiva ta' dan il-kunflitt dejjiemi; Jafferma mill-ġdid li l-Ftehimiet ta' Abram għandhom jitqiesu fl-istrateġija Ewropea għar-reġjun, bl-għan li jħeġġu l-kooperazzjoni reġjonali u jgħinu lir-reġjun jiksbu stabbiltà u paċi; jistieden lill-Kummissjoni u l-Kunsill jappoġġjaw in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn Iżrael u l-pajjiżi Għarab permezz tal-implimentazzjoni u l-estensjoni tal-Ftehimiet ta' Abram bħala kontribut importanti fil-kisba ta' paċi twila fil-Lvant Nofsani;
11. Jilqa', fil-kuntest tan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn Iżrael u l-pajjiżi Għarab, il-ftehim bejn il-Gvernijiet tal-Libanu u ta' Iżrael biex tiġi stabbilita fruntiera marittima permanenti; iqis dan il-ftehim bħala progress pożittiv ulterjuri li se jwassal għal iktar sigurtà, stabbiltà u prosperità għar-reġjun u lil hinn minnu; iqis li dan il-ftehim jista' jippromwovi iktar benefiċċji għal-Libanu u l-poplu tiegħu, kif ukoll jirrispondi għad-domanda għal riżorsi ta' enerġija tant meħtieġa li tirriżulta mill-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna; jilqa' l-impenn tal-UE mas-sħab reġjonali abbażi tal-Inizjattiva Għarbija għall-Paċi tal-2002; jitlob sforzi konġunti biex issir medjazzjoni bejn il-partijiet b'mod kostruttiv u biex titħeġġeġ it-tkomplija mingħajr xkiel tan-negozjati bejn il-partijiet bl-għan li tinkiseb soluzzjoni ġusta u realistika;

12. Iqis li l-finanzjament tal-UE għas-soċjetà ċivili huwa involviment kostruttiv lejn il-bini ta' rabtiet bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani; jitlob programmi tal-UE li jsaħħu l-kuntatti bejn il-persuni bejn minoranzi etniċi u reliġjużi differenti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, ġurnalisti u organizzazzjonijiet tan-nisa bħala parti mill-isforzi tal-UE li tippromwovi l-libertà ta' reliġjon u ta' twemmin, il-libertà ta' espressjoni u l-libertà ta' assoċjazzjoni kemm f'Iżrael kif ukoll fit-territorji tal-Palestina;
13. Jirrikonoxxi r-rwol imwettaq mill-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-NU għar-rifuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib fil-provvista ta' servizzi vitali lir-rifuġjati Palestinjani; itenni l-importanza tal-edukazzjoni fil-bini tal-prospetti għal soluzzjoni ta' żewġ stati; itenni li l-mibegħda, l-inċitament għall-vjolenza u l-antisemitiżmu jmorru kontra l-valuri tal-UE u huma impediment ewlieni għar-riżoluzzjoni tal-kunflitt; itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-kotba tal-iskola u l-materjali skolastiċi kollha appoġġjati mill-fondi tal-Unjoni għandhom ikunu f'konformità mal-istandards ta' paċi, tolleranza, koeżistenza u nonvjolenza tal-UNESCO; jissottolinja li l-finanzjament tal-UE se jkollu jiġi sospiż jekk titressaq evidenza ċara u ġustifikata ta' użu ħażin;
14. Jistieden lill-Istat ta' Iżrael jippermetti lill-għajnuna umanitarja tilħaq lill-iktar persuni vulnerabbli, kemm fix-Xatt tal-Punent kif ukoll f'Gaża; itenni li l-fondi tal-UE kollha għandhom jilhq d-destinazzjoni tagħhom, b'mod speċjali l-iktar persuni vulnerabbli, u ma jispiċċawx f'idejn żbaljati; itenni s-sejthiet tiegħu għal soluzzjoni politika li ttejjm l-imblokk tal-kriżi umanitarja fl-Istrixxa ta' Gaża u ttaffiha, inklużi l-garanziji ta' sigurtà neċessarji biex jipprevjenu l-vjolenza kontra Iżrael;
15. Jissottolinja l-hteġa li l-UE u l-Istati Membri jappoġġjaw inizzjattivi konġunti fis-setturi soċjali u ekonomiċi, inkluż fl-ilma u fl-enerġija, li jippromwovu l-prospertà u l-iskambji soċjali bejn iż-żewġ territorji; itenni, f'dan ir-rigward, l-appoġġ tiegħu tal-istrateġija Global Gateway, li, f'sinerġija mal-pjan ekonomiku u ta' investiment għall-Viċinat tan-Nofsinhar, għandha l-għan li tiżviluppa konnessjonijiet kummerċjali bħala alternattiva għall-inizzjattiva "Belt and Road", b'mod speċjali bejn il-pajjiżi tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf, il-Ġordan, Iżrael, il-Palestina u l-Greċja bħala punti ta' dħul għal oġġetti nnegozjati u riżorsi tal-enerġija fl-UE; ifakkar li din ir-rotta alternattiva ssaħħaħ iktar il-proċess tal-integrazzjoni reġjonali u d-djalogu reġjonali u tippromwovi sħubijiet, kooperazzjoni u paċi fit-tul fost il-pajjiżi kollha fir-reġjun;
16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lis-Segretarju Ġenerali tal-Lega tal-Istati Għarab, lill-Knesset u lill-Gvern ta' Iżrael, lill-President tal-Awtorità Palestinjana u lill-Kunsill Leġiżlattiv Palestinjan.